# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

### Laqgħa Nru. 45 (Is-Seba' Terminu)

Data: It-Tnejn 19 ta' Settembru, 2016

Hin: 7.00pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |
| | Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Jum L-Għasri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Materja oħra;
8. Aġġornament.

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • Fax: (+356) 21558655 • email: ghasri.lc@gov.mt • www.ghasri.com

## 1. Talba

**1.01** Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-44

**2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 19/2016 – Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs).

**4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 20/2016 – Inizjattiva Finanzjarja għal Kumitati Reġjonali – Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita fuq Livell Reġjonali.

**4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 21/2016 – Konvenzjoni dwar il-Qasam Soċjali fil-Komunita u l-programm ta' taħriġ Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar.

**4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 22/2016 – Tqegħid jew Depożitu ta' Stekkat (Boundary Wall).

**4.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 23/2016 – Servizzi provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali.

**4.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 23A/2016 – Corrigendum għal Ċirkulari Numru 23/2016.

**4.07** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 24/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar Stress Management.

**4.08** Wasteserv Ltd infurmaw lill-Kunsill dwar laqgħa li ser issir nhar il-Gimgħa 23 ta' Settembru dwar l-iskema tal-ġbir ta' skart organiku li se tibda mit-30 ta' Settembru. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi u għalhekk il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku għandu jattendi għal din il-laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

## 5. Jum L-Għasri

**5.01** Tkomplew il-preparamenti għal Jum L-Għasri li ser jiġi imfakkar nhar is-Sibt 24 ta' Settembru. Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jaħdem flimkien mal-Kumitat tal-Festa sabiex Jum L-Għasri jiġi organizzat bl-aħjar mod possibbli.

**5.02** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla għal Premju Ġieħ L-Għasri kien ippropona sabiex dan l-unur jingħata lil Joe Saliba ta' Triq il-Fanal. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk Premju Ġieħ L-Għasri 2016 se jingħata lil Joe Saliba. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud se tieħu ħsieb sabiex issir l-ikona biex tingħata bħala tifkira lil Joe Saliba.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**6.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-045 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

**7.01** Is-Sindku ippropona sabiex Triq il-Knisja ma' ġenb il-Knisja tal-Patroċinju titwessgħa u b'hekk jitjieb l-aċċess għal Triq Wied L-Għasri u jiġu evitati ħafna inċidenti peress li f'din il-parti tat-triq qed isiru ħafna inċidenti. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru stima tax-xogħlijiet li jridu jsiru.

**7.02** Is-Sindku ippropona sabiex isir tindif tal-gandott tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Knisja u titranġa rampa li hemm f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru stima tax-xogħlijiet li jridu jsiru.

**7.03** Is-Sindku ippropona biex noħorġu l-avviżi sabiex żgħażagħ interessati li jinħatru Ambaxxatur taż-Żgħażagħ japplikaw mal-Kunsill u b'hekk din il-kariga li issa hija vakanti tiġi mimlija. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isiru l-avviżi.

**7.04** David Keith Youngman ta' Trejqet Dun Ġużepp Cassar talab lill-Kunsill sabiex jagħmel ftit konkos fl-istess trejqet peress li tinsab fi stat ħażin. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li waqt li kien qed jagħmel l-ilment tiegħu fl-uffiċċju tal-Kunsill kien hawn preżenti ukoll Liża Mintoff li infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li dik l-art li qed jirreferi għaliha David Keith Youngman hija privata u hija tagħha u ma tridx li l-Kunsill jagħmel xi konkos fuqha. Il-Kunsill qabel li la darba l-art hija privata ma jistax isir xi xogħol minn naħa tal-Kunsill.

## 8. Aġġornament.

**8.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016 fis-7.00pm.

**8.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

Dr Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Data: 19 ta' Settembru, 2016